# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Illum l-Erbgha, 15 ta' Lulju, 2020.**

**Rikors numru 1152/2019TA**

**Mark Formosa**

**v.**

**Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex**
**Is-Segretarju Permanenti fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

Rat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghti fid-19 ta' Gunju 2020 li permezz tieghu ddikjarat li ma kellhiex gurisdizzjoni tisma' kwistjonijiet ta' natura industrijali li jaqghu fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-21 ta' Novembru 2019 li tibghat l-atti ta' quddiemha il-Prim Awla tal-Qorti Civili ma kinitx wahda tajba u l-atti kellhom jigu rimessi lit-Tribunal Industrijali.

Rat l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-21 ta' Novembru 2019.

Rat il-Kap. 452 senjatament l-artikoli 34(2), 75 u 80(2) imsemmija mit-Tribunal.

**Ikkunsidrat**

It-Tribunal Industrijali iddecieda li ma kellux gurisdizzjoni jisma' il-kaz ghax fil-fehma tieghu l-kwistjoni intavolata quddiemu kienet f'kuntest ta' hatra ta' ufficjal pubbliku li kienet taqa' fil-kompetenza tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (artikolu 75 tal-Kap. 452). It-Tribunal seta' waqaf hemm billi jehles lil parti l-ohra mill-harsien tal-gudizzju pero invece t-Tribunal baghat l-atti quddiem il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fejn Mark Formosa kien ressaq rikors kostituzzjonali u talab hekk:

> "1. Tiddikjara li l-Avviz 157 tal-2007 in kwantu jaghti rimedju skond l-incizi (1) u (3) tieghu u jhalli barra l-inciz (2) tal-Artikolu 34 tal-Kap. 452 u in-nuqqas tal-Istat li jipprovdi Sistema uniformi ghall-impjegati kollha fil-pajjiz johloq diskriminazzjoni fil-konfront tal-attur ghaliex ma jistax jibbenefika mill-bidla awtomatika tal-kuntratt ta' servizz minn perjodu definittiv ghal wiehed indefinittiv u dana bi ksur tal-artikli 3, 6, 8, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikoli 1 tat-12 tal-Protokoll tal-istess Konvenzjoni.
>
> "2.Konsegwentement taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni inkluz il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija."

L-ilment tal-attur hu li l-kuntratt ta' impjieg fiss li kellu qabel, kien isir ghal zmien indefinit kieku japplika l-art. 34(2) tal-kap. 452.

Avviz legali 157 tal-2007 jipprovdi li art. 34(1) u (3) japplika wkoll ghas-servizz pubbliku pero` artikolu 34(2) hu eskluz.

Dan ma jfissirx b'daqshekk li l-Prim Awla hi awtomatikament is-sede li tisma l-ilment li Mark Formosa kellu quddiem it-Tribunal Industrijali.

**Decide**

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma d-digriet tad-19 ta' Gunju 2020 u tordna l-atti jigu rimessi lit-Tribunal Industrijali biex jerga' jikkunsidra jekk ghandux iqis il-kwistjoni quddiemu definittivament maghluqa kif inghad aktar 'il fuq jew jissoprassjedi u jirregola ruhu fid-dawl tas-sentenza kostitizzjonali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr